

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2023/140**tad-19 ta' Jannar 2023**

li jemenda għat-332 darba r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 881/2002 li jimponi ċerti miżuri spċifici restrittivi diretti kontra ċerti persuni u entitajiet assoċjati mal-organizzazzjonijiet tal-ISIL (Da'esh) u Al-Qaida

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 881/2002 tas-27 ta' Mejju 2002 li jimponi ċerti miżuri spċifici restrittivi diretti kontra ċerti persuni u entitajiet assoċjati mal-organizzazzjonijiet ISIL (Da'esh) u Al-Qaida (¹), u b'mod partikolari l-Artikolu 7(1)(a) u l-Artikolu 7a(1) tiegħu,

Billi:

- (1) L-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 881/2002 jelenka l-persuni, il-gruppi u l-entitajiet koperti mill-iffriżar ta' fondi u riżorsi ekonomiċi skont dak ir-Regolament.
- (2) Fis-16 ta' Jannar 2023, il-Kumitat tas-Sanzjonijiet tal-Kunsill għas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti żied, f'konformità mar-Riżoluzzjonijiet tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU 1267(1999), 1989(2011) u 2253(2015), annotazzjoni waħda mal-lista tal-persuni, il-gruppi u l-entitajiet tiegħu li ġħalihom għandu japplika l-iffriżar tal-fondi u riżorsi finanzjarji.
- (3) Għaldaqstant, l-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 881/2002 jenħtieġ li jiġi emendat skont dan.
- (4) Biex ikun żgurat li l-miżuri previsti f'dan ir-Regolament ikunu effettivi, jenħtieġ li dan jidħol fis-seħħ immedjatamente,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 881/2002 huwa emendat skont l-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikkazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, id-19 ta' Jannar 2023.

Għall-Kummissjoni
F'isem il-President

Id-Direttur ġenerali
Id-Direttorat ġenerali għall-Istabbiltà Finanzjarja,
is-Servizzi Finanzjarji u l-Unjoni tas-Swieq Kapitali

(¹) ĠU L 139, 29.5.2002, p. 9.

ANNESS

Fl-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 881/2002, tiżdied l-entrata li ġejja taħt l-intestatura “Persuna fiżika”:

“ABDUL REHMAN MAKKI (psewdonimu affidabbli: (a) Abdur Rehman Makki; (b) Abdur Rahman Makki; (c) Abdul Rahman Makki; (d) Hafiz Abdul Rahman Makki; (e) Hafiz Abdul Rehman Makki; (f) Hafiz Abdul Rehman). Data tat-twelid: 10.12.1954. Post tat-twelid: Bahawalpur, Provinċja ta’ Punjab, il-Pakistan. Nazzjonaliità: Pakistani. Nru tal-passaport (a) CG9153881 (Passaport Pakistani maħruġ fit-2.11.2007; (b) A5199819 (Passaport Pakistani). Nru ta’ identifikazzjoni nazzjonali (a) 6110111883885 (Pakistani); (b) 34454009709 (Pakistani). Indirizz: Tayyiba Markaz, Muridke, Provinċja ta’ Punjab, il-Pakistan. Aktar informazzjoni: Viċi Amir/Kap ta’ Lashkar-e-Tayyiba (LET) magħruf ukoll bħala Jamaat-ud-Dawa (JUD) u Kap tal-Affarijiet Politiċi Wing JUD/LET. Serva wkoll bħala kap tad-dipartiment tar-relazzjonijiet barranin tal-LET u membru ta’ Shura (korp governattiv). Aħwa ta’ JUD/LET Chief Hafiz Muhammad Saeed. Isem il-missier huwa Hafiz Abdullah Bahwalpuri. Data tal-klassifikazzjoni msemmija fl-Artikolu 7d(2)(i): 16.1.2023.”
